

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 4 - Kumpens

4 - Kumpens

X'inhom l-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trasgressur? (pereż. kawża fil-qorti, kawża ċivili, talba għad-danni)

Il-proċedura legali biex titlob kumpens mingħand it-trasgressur hija li tiftaħ kawża ċivili għad-danni kontrih, sakemm ma jkunx hemm diġa' xi ordni ta' ħlas mit-trasgressur lill-vittma maħruġa mill-qorti kriminali.

Il-qorti ordnat lit-trasgressur biex iħallasni għad-danni/jagħtini kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallasni?

Meta jkun hemm ordni bħal dik, inti jkollok dritt teżegwixxi dik l-ordni daqslikieku kellek favur tiegħek deċiżjoni tal-qorti ċivili bil-konsegwenza li tkun tista' saħansitra tipproċedi billi titlob ħruġ ta' mandati ta' qbid u sekwestru.

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, l-Istat jista' jħallasni bil-quddiem? B'liema kundizzjonijiet?

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, allura hemm possibiltà li l-Gvern iħallas lill-vittma bil-quddiem taħt ċertu kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Għandi dritt għal kumpens mingħand l-Istat?

Iva għandek dritt titlob kumpens mingħand l-Istat taħt skema għal ħsara kkawżata mill-kriminalità.

Jien intitolat għal kumpens jekk it-trasgressur ma jinstabx ħati?

Hemm jedd għal kumpens anke meta t-trasgressur ma jinstabx ħati jew ma jkunx magħruf.

Għandi dritt għal pagament ta' emerġenza waqt li qed nistenna li tiġi deċiżja t-talba għall-kumpens tiegħi?

Eċċezzjonalment, jista' jkun hemm pagament t'emerġenza sakemm tiġi finalment deċiżja t-talba għall-kumpens.

■ L-aħħar aġġornament: 06/05/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.